MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1101/2012

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Ingilterra**
**(Numru ta' Registrazzjoni 134396) rapprezentata f'Malta**
**mill-agenti u mandatrici taghha**
**Dingli Co. International Ltd. (C7692)**

**vs**

**Tal-Lira 2 Limited (C21907)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-1 ta' Novembru 2012 li jghid hekk:
Illi s-socjeta rikorrenti hija debitament awtorizzata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal- Awtur, ai termini tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Socjetajiet ghall-Amministrazzjoni Kollettva tad-Drittijiet tal-Awtur (Avviz Legali 425/2003) sabiex tagixxi f'Malta

bhala collecting society (kif jirrizulta mill-estratt tal-Gazzetta tal-Gvern hawn anness u mmarkat bhala Dok. PRS-2).

IIli s-socjeta intimata esegwixxiet quddiem il-pubbliku, u ghadha qieghda tesegwixxi quddiem il-pubbliku, permezz tal-wiri ta' xogholijiet awdjovizivi fl-istabbiliment cinematogratiku taghha "Tal-Lira Cinema", f'Gallarija Complex, il-Fgura, sa mis-6 ta' Marzu 2007 sa llum xogholijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur, ossija copyright, vestiti fis-socjeta rikorrenti, fir-rigward ta' liema xogholijiet l-istess socjeta rikorrenti tgawdi l-kontroll esklussiv tal-att tal-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku, ossija tal-performing right, f'Malta skond il-ligi, u dana minghajr ma s-socjeta intimata kienet applikat ghal, wisq anqas ottjeniet minn ghand is-socjeta rikorrenti, il-licenzja mehtiega skond il-ligi.

Illi b'hekk is-socjeta intimata giet illi ttrasgredixxiet u ikkontravvjeniet, u ghadha qeghda tittrasgredixxi u tikkontravjeni, id-drittijiet tal-awtur fix-xogliolijiet muzikali vestiti fl-istess socjeta rikorrenti.

Illi b'konsegwenza ta' din it-trasgressjoni u kontravvenzjoni da parti tas-socjeta intimata tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali fuq imsemmija, is-socjeta rikorrenti giet li sofriet danni konsiderevoli konsistenti senjatament fin-nuqqas tal-hlas tar-"royalties" lilha dovuti skond it-tariffa taghha vigenti, u cioe t-Tariffa "C" (Dok. PRS-3) waqt il-perjodu kollu ta' trasgressjoni, kif din l-istess tariffa hija wkoll debitament ufficjalment approvata mill-imsemmi Bord dwar id-Drittijiet tal- Awtur.

Illi minkejja illi saru diversi interpellazzjonijiet lis-socjeta intimata, anke permezz ta' numru ta' ittri ufficjali u cioe l-ittra ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2007, l-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2008, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Ottubru 2011 (Dok. PRS-4A - PRS-4C), sabiex din tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza tal-fuq imsemmija trasgressjoni u kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, l-

istess socjeta intimata baqghet ghal kollox inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta intimata ittrasgredixxiet u ikkontravvjeniet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti billi ezegwixxiet u ghadha qeqhda tezegwixxi quddiem il-pubbliku, permezz tal-wiri ta' xogholijiet awdjovizivi fl-imsemmi stabbiliment taghha "Tal-Lira Cinema", f’Gallarija Complex, il-Fgura, sa mis-6 ta' Marzu 2007 sa llum xogholijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur, ossija copyright, vestiti fis-socjeta rikorrenti, fir-rigward ta' liema xogholijiet l-istess socjeta rikorrenti tgawdi l-kontroll esklussiv tal-att tal-ezekuzzjoni quddiem il-pubbliku, ossija tal-performing right, f'Malta skond il-ligi, u dana minghajr ma s-socjeta intimata applikat ghal, wisq anqas ottjeniet minn ghand is-socjeta rikorrenti l-licenzja mehtieqa skond l-istess ligi.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza ta' din it-trasgressjoni u kontravvenzjoni da parti tas-socjeta intimata fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti;

(3) Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma illi tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta intimata tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti ai termini tat-tieni talba; u

(4) Tinibixxi lis-socjeta intimata milli tezegwixxi quddiem il-pubbliku, permezz tal-wiri ta' xogholijiet awdjovizivi fl-imsemmi stabbiliment taghha, xogholijiet muzikali tutelati bid-drittijiet ta' l-awtur, ossija copyright, vestiti fis-socjeta rikorrenti,fir-rigward ta' liema xogholijiet l-istess socjeta rikorrenti tgawdi l-kontroll esklussiv tal-att tal-ezekuzzjoni quddiem il-pubbliku, ossija tal-performing right, f’Malta skond il-ligi, u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u

ottjeniet il-hrug tal-licenzja relattiva minn ghand is-socjeta rikorrenti a bazi u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta', kemm tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415) kif ukoll tal-Att li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intelletwali (Kap. 488) taht il-pieni komminati mil-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li tigi moghtija fuq din id-domanda.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 14 ta' Ottubru 2007, l-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2008, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Ottubru 2011 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1651/12 li qieghed jigi prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors, kontra s-socjeta intimata illi minn issa r-rapprezentanti taghha huma imharrkin ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu respinti u dan ghas-segwenti ragunijiet:
1. Preliminarjament, is-socjeta intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li hija mhijiex il-legittimu kontradittur u dana stante li hija ma tiggestixxi ebda stabbiliment cinematografiku bl-isem 'Tal-Lira Cinema' f'Gallarija Complex, il-Fgura.

2. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi ttalbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal- Kodici Civili.

3. Preliminarjament ukoll s-socjeta attrici ghandha tindika car liema drittijiet tal-awtur qieghda taghmel referenza ghalihom fil-kawza taghhom. Huma ghandhom ukoll jaghtu prova skond il-ligi effettivament jiddetjenu dawn id-drittijiet ta’ l-awtur.

4. Illi l-attur nomine ghandu ukoll jipproduci kopji awtentici tad-deeds of assignment tad-drittijiet tal-awtur li jiddetienu u dwarhom qed jippretendu d-danni kif ukoll prova li c-cessjonanti setghu jiddisponu mill-jedd in kwistjoni.

5. Illi fil-meritu, dwar l-ewwel talba attrici: din it-talba ghandha tigi michudha u dana stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi fl-ewwel lok anke kieku jigi dikjarat li s-socjeta intimata tiggestixxi hija tali cinema (li mhux il-kaz), mhux minnu li s-socjeta intimata ghandha bzonn ta' xi licenzja partikolari minghand is-socjeta attrici sabiex tiggestixxi l-istabbiliment cinematografiku taghha 'Tal-Lira Cinema' f'Gallarija Complex, il-Fgura, u ghalhekk m’ghandha thallas l-ebda royalties u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) stante li l-ebda licenzja ma hi mehtiega ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll li tali hlasijiet kieku stess isiru lil KRS Film Distributors Limited u mhux lis-socjeta rikorrenti.

ii. Illi fit-tieni lok is-socjeta intimata ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta attrici u la hemm ebda htiega li l-partijiet ikollhom relazzjoni kuntrattwali flimkien u dana stante illi s-socjeta intimata ma ghandha ebda stabbiliment ta' cinema.

6. Illi dwar it-tieni u t-tielet talbiet ghall dak li jirrigwarda l-allegat danni subiti, is-socjeta intimata teccepixxi illi dawn it-talbiet ghandhom jigu michudha u dana peress li mhux minnu li s-socjeta attrici soffriet xi forma ta' dannu u dana peress li lanqas ma hu minnu li s-socjeta intimata trasgressat jew kontravveniet xi drittijiet li s-socjeta attrici qieghda tippretendi li hija ghandha u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi fir-rigward tar-raba talba, din it-talba hija legalment insostenibli u dana kif ritenut f'gurisprudenza ormai pacifika u dana peress li talba sabiex jigi kkonfermat in perpetwu stat inibizzjoni sic et simpliciter dejjem giet michudha mill-Qrati taghna stante li hija legalment improponibbli.

8. Salv risposti ulterjuri.

9. Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari**

Fl-ewwel eccezzjoni s-socjeta intimata eccepiet li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju dana stante li mhijiex il-legittimu kontradittur u billi hija ma tiggestixxi ebda stabbiliment cinematografiku bl-isem 'Tal-Lira Cinema' f'Gallerija Complex, il- Fgura.

Fit-tieni eccezzjoni teccepixxi minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

**Provi**

Anton Pisani, financial controller ta` Gallerija Trading Ltd, xehed li huma joperaw Tal-Lira Cinemas, bhala brand name. Tal-Lira Ltd kienet tiggestixxi dan ic-cinema maghruf bhala Tal-Lira Cinema mis-sena 2006 sa' Marzu 2008 u kellha numru C21907. Sa Marzu 2008 il-KRS kienet tohrog l-invoices fuq il-VAT number ta' dina l-kumpanija bin-numru C21907. F'April 2008 Tal-Lira Ltd biddlet isimha ghal Tal-Lira 2 Ltd u zammet l-istess numru C21907, izda l-kumpanija qatt ma operat bhala Tal Lira 2 Ltd u fir-registru tidher bhala non-trading company. Bhala Tal-Lira 2 Ltd qatt ma operat kif jidher mid-Dok. AP1 a fol. 4. Minn April 2008 ghamlu l-kumpanija gdida Tal-Lira Ltd C 42598 u VAT number 1878-3921 u operat Tal-Lira Cinemas sa Settembru 2008 meta hadet over Gallerija Trading Ltd li ghadha topera sal-lum u ghandha VAT number 1834-5428. Mal KRS huma dejjem jimxu bil-VAT number tal-kumpanija u l-invoices johorgu fuq dak in-numru kif jidher minn Dok. AP2 sa AP 4.

Alex Pace, Direttur KRS Film Distributors Ltd, xehed li Tal-Lira Cinemas bdew joperaw f'Jannar 2007. Kellhom kuntratt maghhom Dok. B datat 10 ta' Jannar 2007. L-ewwel Invoice harget lil Tal-Lira Ltd fil-30 ta' Jannar 2007 Dok. A. Fl-1 ta' April 2008 gew infurmati li l-VAT number inbidel izda l-isem tal-kumpanija baqa' l-istess. (fol. 77) Ghalhekk hargu l-invoice fuq dan il-VAT number Dok. D (fol. 78) u ghamlu kuntratt gdid mal-kumpanija bil-VAT number gdid. Dok. E. (fol. 79) F'Awissu 2008 intbaghtu ittri minghand Joe Sant li mill-1 ta' Settembru 2008 l-invoices kellhom johrogu fuq Galleria Trading Ltd li kienet hadet over. Dok. F u G. (fol. 80 u 81). Minn Settembru bdew johorgu l-invoices fuq il-kumpanija gdida Dok. H u I (fol. 82 u 83).

Charmaine Briffa, office manager, mas-socjeta Dingli & Co Ltd., xehdet fuq l-ewwel eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur u qalet li kienu baghtu zewg ittri ufficjali, wahda datata 14 ta' Ottubru 2007 u ohra 7 ta' Jannar 2008 lil Tal Lira Ltd fl-indirizz J.B. House , L-Iklin Road, Lija, u t-tnejn gew `refused` billi ntqal li s-socjeta Tal Lira Ltd ma ghadx ghandha konnessjoni ma' J.B. House. Imbaghad giet prezentata ittra ufficjali fis-16 ta' Jannar 2008 din id-darba fl-indirizz Tal-Lira Cinema, Gallerija Complex, Zabbar Rd, Fgura u Tal-Lira Ltd giet notifikata fil-24 ta' Jannar 2008. Fil-korrispondenza li saret mal-legali ta' Tal-Lira Ltd imkien dawn ma jsemmu li Tal-Lira Ltd ma kellha taqsam xejn. (ara Dok. CB 9 sa CB 13 a fol. 405-409). Ix-xhud qalet ukoll li fil Financial Statements ta' Tal-Lira 2 Ltd hemm li l-attivita kummercjali baqghet l-istess, u gie mizjud ic-Cinema Equipment mal-assi. Tghid li fl-accounts ghas-snin 2007, 2008 u 2009 hemm deprezzament fuq dan l-equipment (ara Dok. CB 14 sa CB 16 a fol. 411 et seq.).

**Legittimu kontradittur**

Fl-ewwel eccezzjoni s-socjeta intimata qed tissottometti li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hija mhijiex il-legittimu kontradittur stante li hija ma tiggestixxi ebda stabbiliment cinematografiku bl-isem 'Tal-Lira Cinema' f'Gallerija Complex, il-Fgura. Il-kumpanija

Tal-Lira 2 Ltd. li giet iffurmata f'April 2008 hija a non-trading company u llum Tal-Lira Cinema huwa gestit minn Galleria Trading Ltd minn Settembru 2008.

Illi s-socjeta attrici qed issostni li huma ghamlu hames snin jikkorrispondu mal-intimati fir-rigward ta' dina l-pendenza u kien biss fl-affidavits li gew prezentati mis-socjeta intimata f'dawn il-proceduri, li s-socjeta intimata deherilha opportun li issa ssemmi u tizvela l-isem tas-socjeta Galleria Trading Limited bhala s-socjeta li qed topera ic-Cinema Tal-Lira.

Illi r-rikorrenti kienu nnotifikaw lil Tal-Lira Ltd (C-21907) permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2008 li giet notifikata fil-24 ta' Jannar 2008 fil-Galleria Complex, Fgura. L-ittri ufficjali l-ohra gew refused billi meta gew notifikati f'indirizz J.B. House, Lija min irceva l-ittra ufficjali ddikjara li Tal-Liri Limited m'ghadx ghandhja konnessjoni ma' J.B. House ghalkemm skont id-dokumenti ezibiti (Dok. QT1 u QT2) Tal-Lira Limited u Tal-Lira 2 Limited ghandhom l-istess Direttur Joseph Sant maggoritarju, u r-registered office kien J.B. House Lija kif korrettement imnizzel fl-ittri ufficjali.  L-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2008, giet notifikata fil-Galleria Complex il-Fgura u skont id-dokumenti ezibiti u anke skont ix-xhieda ta' Pisani, din il-kumpanija kienet qed topera c-Cinema. Skont ix-xhud Pisani f'April 2008 giet furmata l-kumpanija (non-trading) Tal-Lira 2 Ltd. Bejn 2006 u Marzu 2008 u bejn April 2008 u Settembru 2008 Tal-Lira Ltd. kienet qed topera c-cinema u minn Settembru 2008 il-quddiem sa llum Galleria Trading Ltd. qed topera c-cinema. L-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru 2011 indirizzat lil Tal-Lira 2 Limited ghalkemm harget fuq l-Indirizz J.B. House Lija giet notifikata kif jidher mir-risposta a fol. 409.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li wara n-notifika tal-ittri ufficjali bdiet korrespondenza bejn il-partijiet biex jintlahaq xi tip ta' ftehim. Fl-email li baghat Dr. Victor George Axiak lil konsulent legali tas-socjeta rikorrenti (Dok. CB7 a fol. 403) imkien ma jghid li Tal-Lira Limited ma kellha x'taqsam xejn u li ma kienux l-operaturi tac-Cinema. Anke is-suggett ta' din l-email kien Tal-Lira Limited. Fl-ittra tal-

istess Dr. Axiak (Dok. CB9 u CB10 a fol. 405 u 406) datata 10 ta’ Settembru 2008 imkien ma jisemmi li s-socjeta Gallerija Trading Limited, li skont ix-xhud Pisani kienet bdiet topera c-cinema dak iz-zmien, kellha tigi involuta. Isemmi biss li s-socjeta intimata mhijiex lesta li thallas dak mitlub minnha fl-ittra ufficjali.

Anke fir-risposta ghall-ittra ufficjali datata 10 ta’ Ottubru 2011 DoK. CB13 a fol. 409 mibghjuta lil Tal-Lira 2 Ltd. is-socjeta intimata ma hassitx il-bzonn li tirrespingi il-pretenzjonijiet tar-rikorrenti ghar-raguni li hija mhijiex il-legittimu kontradittur.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Muscat vs Muscat Scerri**, deciza fis-26 ta’ Gunju, 2009:
“Hu accettat li attur irid jaghmel l-indagni tieghu qabel ma jipprocedi kontra terz f’kawza, biex jassigura li l-konvenut imharrek huwa verament il-legittimu kontradittur tieghu; pero`, meta it-terz interpellat ma jichadx l-involviment tieghu, ma hux mistenni li l-attur ikompli jindaga dwar jekk dak it-terz huwiex jew le l-legittimu kontradittur.”

Illi mid-dokumenti ezibiti QT1 sa QT3 kellu jirrizulta lir-rikorrenti li c-cinema Tal-Lira kien qed jigi gestit minn Tal-Lira Ltd fil-perijodu 2006 - 2008 u l-intimati ma tawhomx indikazzjoni kuntrarja. Illi iz-zewg kumpaniji, Tal-Lira Ltd u tal-Lira 2 Ltd kellhom l-istess numru tal-kumpanija u l-istess Direttur. F’dan il-kaz  l-intimati hassew il-bzonn li jinfurmaw lil KRS b’kull tibdil li sar fil-kumpaniji taghhom izda ma ghamlux l-istess meta r-rikorrenti innotifikawhom bl-ittra ufficjali (ara fol. 80/81). Fil-korrispondenza ezibita l-intimati u l-avukati taghhom imkien ma jsemmu li mhumiex il-legittimi kontradditturi jew li l-kumpanija mharrka kienet dik zbaljata ghax kien hemm kambjament fil-kumpaniji li joperaw ic-cinema.  L-intimati kellhom jaffermaw dak li kien maghruf lilhom cioe’ l-ezistenza ta’ kambjament fil-gestjoni tac-cinema kif ghamlu ma haddiehor.

Il-Qorti zzid illi r-relazzjoni mill-qrib fil-gestjoni u fid-diretturi u azzjonisti tal-kumpaniji Tal-Lira kif sussegwentement mibdul ghal Tal-Lira 2 u Galleria Trading Limited kien

ipoggi obbligu fuq min qed jigi mitlub jersaq ghal pretensjoni li jiccara l-pozizzjoni kummercjali li kienet sa certu punt inbidlet internament bejn l-istess partijiet u riflessa fil-kumpaniji mahluqa. In-ness bejn il-partijiet involuti kien u baqa’ hemm u jekk is-socjeta intimata dehrilha li hi nqalghet kompletament minn kull vinkolu li seta’ kien hemm mis-socjeta attrici, dan kellha taghmlu mill-bidu nett u mhux tibqa’ siekta nonostante l-interpellazzjonijiet li sarulha u tqajjem kwistjoni procedurali wara l-ftuh tal-prezenti proceduri. Kull parti trid tagixxi in buona fede u din il-massima ghandha tigi skrupolozament addottata f’kull negozju guridiku.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

**Preskrizzjoni**

Is-socjeta intimata eccepiet ukoll li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

B’nota tal-24 ta’ Ottubru 2013 is-socjeta intimata cediet l-eccezzjoni taghha dwar preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili tal-Kap. 16.

Illi l-artikolu 2153 huwa dwar preskrizzjoni ta’ sentejn fir-rigward ta’ azzjoni ghall-hlas ta’ hsarat mhux ikkagunati b’reat. L-obbligu tal-Qorti hu biss li tara jekk din il-preskrizzjoni hix applikabbli ghal kaz u jekk hi applikabbli, jekk l-azzjoni hix preskritta.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas dik is-somma illi tigi likwidata in linea ta' danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta intimata tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti u dana mis-6 ta’ Marzu 2007 sallum.

Il-kawza hija talba ghal danni extra kontrattwali ghalhekk japplika l-artikolu 2153 dwar preskrizzjoni ta’ sentejn. Dan qed jinghad billi ma hemm ebda relazzjoni kontrattwali

antecedenti bejn il-partijiet li vvinkolathom u li a bazi tieghu qed jintalbu d-danni. In fatti l-premessi u talbiet attrici mhux mibnija fuq tali relazzjoni izda wahda de iure naxxenti minn drittijiet tal-awtur protetti mill-ligi kontra uzu abusiv taghhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorgu minn uzu mhux awtorizzat ta’ proprjeta intellettwali ta’ terzi li ghalih it-terz kif rapprezentat f’din il-kawza qed jitlob il-hlas skond il-ligi konsistenti fit-telf soffert minhabba l-infrazzjoni. Tali danni huma wkoll regolati bil-ligi in kwantu quantum.

Is-socjeta attrici tissottometti li din mhix kawza ghad-danni semplici izda wahda sui generis ghal trasgressjoni ta’ drittijiet tal-awtur li tohrog mill-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta’ Malta li taghti rimedju lid-danneggat ghal rimedju ta’danni sui generis. Izzid li din l-azzjoni hi simili ghad-drittijiet li johorgu mil-Kap. 417 dwar it-trademarks u Kapitolu 416 dwar il-privattivi. Il-Kapitolu 417 fl-artikolu 48(1) u l-artikolu 88 tal-Kap. 416 ighid illi procedimenti ghal kontravvenzjonijiet ghandhom jimbdew mhux aktar tard minn hames snin mindu l-parti aggravata tkun saret taf bil-kontravvenzjoni u l-identita tal-kontravvenur. Ghalhekk b’anologija l-perjodu preskrittiv ghandu jkun ta’ hames snin. Artikolu simili ma jinstabx fil-Kapitolu 415 u 488 li jitrattaw kwistjonijiet ta’ protezzjoni ta’ drittijiet intellettwali.

Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument peress illi l-preskrizzjoni hu mod eccezzjonali kif jintilef dritt ta’ azzjoni hi l-ligi li ghandha tirregola dan it-terminu. Il-preskrizzjonijiet partikolari ma jistghux jigu prezunti jew jigu applikati b’analogija. Hawn si tratta ta’ ligijiet specjali u fejn il-legislatur ried, ippreskriva terminu partikolari u specjali ta’ preskrizzjoni. Kieku ried seta’ ghamlu ghal kapijiet ta’ ligi relatati ma’ proprjeta industrijali u l-protezzjoni taghhom pero ghamlu biss ghal Kap. 416 u 417. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti l-attur ma jistax jimxi b’analogija meta espressament il-legislatur wera l-intenzjoni tieghu li jorbot terminu ta’ azzjoni fil-Kap. 416 u 417 biss. Kwindi irid jigi applikat l-artikolu idoneju tal-ligi generali u l-uniku artikolu fil-Kapitolu 16 li hu fil-fehma tal-Qorti idoneju biex isib applikazzjoni ghal kawza ghad-

danni naxxenti minn ksur ta’ dritt moghti bil-ligi minghajr ebda ness anteridenti kontrattwali li jorbot l-event mad-dannu surbit, hu l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 kif eccepit mill-konvenuta.

Charmaine Briffa dwar dina l-eccezzjoni xehdet li s-socjeta rikorrenti kienet baghtet tlett ittri ufficjali bejn is-sena 2007 u 2011 qabel ma giet prezentata c-citazzjoni odjerna (ara Dok. PRS 4A, PRS 4B u PRS 4C). Minn dawn jirrizulta li n-notifika saret permezz tal-ittra ufficjali datata 16 ta’ Jannar 2008 li giet notifikata fil-24 ta’ Jannar 2008 lil Tal-Lira Limited fil-Galleria Complex, Fgura. L-ittri ufficjali l-ohra ma gewx notifikati billi fl-indirizz fejn intbghatu min irceva l-ittra ufficjali ddikjara li Tal-Liri Limited m’ghadx ghandha konnessjoni ma’ J.B. House. Meta giet notifikata l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar 2008, skont id-dokumenti ezibiti u anke skont ix-xhieda ta’ Pisani, il-kumpanija li kienet qed topera c-Cinema kienet Tal-Lira Ltd.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti saret ghad-danni li hija tghid li soffrit minn Marzu 2007 sa llum. Wahda mill-ittri ufficjali giet notifikata fl-24 ta’ Jannar 2008 u ittra ufficjali ohra giet notifikata wara l-10 ta’ Ottubru 2011. Jirrizulta ghalhekk li bejn l-ewwel notifika tat-2008 u l-ahhar notifika tat-2011 ghaddew aktar minn-sentejn. Il-kawza giet prezentata fl-1 ta’ Novembru 2012. L-ittri ufficjali l-ohra ma kienux gew notifikati.Jigi rilevat li l-infrazzjoni ghadha ghaddejja billi l-intimati qatt ma applikaw ghal licenzja u t-talba hija ghad-danni li s-socjeta’ rikorrenti ghada tbati sa llum allura mhux id-danni kollha mitluba huma preskritti u cioe mil-15 t’Ottubru 2011 il-quddiem.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata dwar il-legittimu kontradittur u tilqa’ in parte l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni relativament ghad-danni li jaqbzu s-sentejn mid-data tal-prezentata tal-ahhar ittra ufficjali.

Spejjez rizervati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------